**Laqgha Numru 15/K6/2011 – Laqgha urgenti**

**Introduzzjoni**

Il-Hmistax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar il-Gimgha 17 ta' Gunju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-16 ta' Gunju 2011. L-Agenda kienet:

**01. Jum Pembroke 2011.**

**02. 5 Year cash Flow b'konnessjoni mal-Bridge Loan.**

## 01. Jum Pembroke 2011

1.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-attivita' li kien hemm il-hsieb l'issir nhar is-Sibt 2 ta' Lulju 2011 kif approvat fil-laqghat precedenti ghandha tigi kkancellata minhabba li ghajr il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, hadd aktar mill-Kunsilliera m'offra l-ghajnuna tieghu.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.04. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet ghala l-kwotazzjoniijiet kienu waslu daqstant tard.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan gara minhabba li l-programm ta' Jum Pembroke gie ffinalizzat fl-ahhar laqgha tal-Kunsill.

1.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li filwaqt li din il-laqgha qed issir b'urgenza, is-Sindku Joe Zammit ma sabx il-hin biex jaghmel laqgha b'urgenza minhabba l-kaz tar-rotta tat-trasport pubbliku li ser tinbidel meta jibda s-servizz ta' l-Arriva.

1.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm ghalfejn l'issir laqgha b'urgenza minhabba li fil-laqgha precedenti tal-Kunsill, hemm decizjoni li tinkiteb ittra lill-Transport Malta dwar il-kaz.

1.09. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tiġi sospiza l-laqgha halli jkun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

1.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.12. Il-laqgha giet sospiza fil-5.42pm.***

***1.13. Il-laqgha tkompliet fil-5.59pm.***

1.14. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-kwotazzjonijiet kienu kollha ngabru wara li gew avvicinati diversi kumpaniji/persuni kif approvat fil-laqgha precedenti tal-Kunsill. Il-kelliem qal li jidher li l-prezzijiet kwotata kollha huma taht l-ammont li jistghu jinghataw b'Direct Order, ghalkemm fejn kien possibli, xorta wahda ingabru aktar minn kwotazzjoni wahda.

1.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 18/2011** - Kiri ta' silent generator, **Kwotazzjoni 19/2011** - Kiri ta' sistema ta' dawl, **Kwotazzjoni 20/2011** - Kiri ta' sistema ta' sound u **Kwotazzjoni 21/2011** - Kiri ta' backdrop, ghandhom jinghataw kollha lil-kumpanija **Nexos & Co. Ltd. ghall-prezz ta' €1 065.60** abbazi li kumplissivament, l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

1.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.17. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.18. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.19. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 22** - Kiri ta' siggijiet, ghandha tinghata lis-sur **Sandro Vella ghall-prezz ta' €140.00** fejn ghandhom jigu ordnata 2 imwejjed u 200 siggu. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

1.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.21. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.22. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.23. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 23** - Mementos, ghandha tinghata lill-**Horace Enterprises Ltd. ghall-prezz ta' €348.00** fejn ghandhom jigu ordnata 120 midalja engraved biex jigu pprezentata lill-pleyers tal-futbol ta' Pembroke Athleta bhala rikonoxximent ghas-successi miksuba fl-istagun 2010/2011, 100 midalja bi sticker biex jintuzaw ghal-waqt il-fun run/mixja u memento riferenza 5509/0 biex tinghata lill-Pembroke Athleta Sports Club. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

1.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.25. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.26. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.27. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 24 -** Kiri ta' transport, ghandha tinghata lill-kumpanija **Zarb Coaches ghall-prezz ta' €236.00** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

1.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.29. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.30. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.31. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 25** - Entertainment ghandhom jintaghzlu l-offerti kollha sottomessa u ghalhekk ghandhom jigu ordnata strutturi għall-logħob tat-tfal mingħand **Ivor Gibbons ghall-prezz ta' €375.00 u Party & Fun ghall-prezz ta' €343.58**, jigu ordnata s-servizzi ta' **Louis Zarb (Elvis) ghall-prezz ta' €100.00**, jigu ordnata s-servizzi tal-**Pembroke Athleta sezzjoni Atletika ghall-prezz ta' €300.00**, jigu ordnata s-servizzi ta' **Joe & Veronica Farrugia ghall-prezz ta' €200.00** bhala compare u kantanti, jigu ordnata s-servizzi ta' **Studio 8 : 2 Animation ghall-prezz ta' €130.00** u jigu ordnata s-servizzi tas-sur **Mark Anthony Attard ghall-prezz ta' €35.00**. Il-Bord irrakkomanda wkoll li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizzi ta' **Costa del Sol Restaurant** ghall-attivita' li ser issir l-Ghadira. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

1.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.33. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn fir-rigward tas-servizz ta' Pembroke Athleta sezzjoni Atletika, is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astejna. Fir-rigward tal-kwotazzjonijiet l-ohra s-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.34. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.35. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-programm kif imressaq inkluz materjal iehor. Il-kelliem qal li d-diskors tieghu ghad irid jigi emendat fejn fih ser jindika l'ikel u xorb mhux ser ikun provdut minghajr hlas bhal ma kien sar fis-snin precedenti. **(Ara dok A u B)**

1.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.37. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.38. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet kemm ser jiswew il-kotba li ser jipprezenta l-Kunsill f'Jum il-lokal.

1.40. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dawn mghandhomx jaqbzu l-€95.00 minhabba li ser jinghataw 38 ktieb bil-prezz ta' €2.50 il-wiehed.

1.41. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa ma jaqbilx mas-Segretarju Ezekuttiv li l-prezz li jigi kkalkulat ghandu jkun dak ta' kemm ser jinbieh il-ktieb, izda ghandu jkun dak ta' kemm gie jiswa lill-Kunsill

1.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat rrimarkat li l-Kunsill diga kellu gwida dwar dan minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

1.43. Hawn qam battibekk bejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Sindku Joe Zammit fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet lis-Sindku Joe Zammit biex ma jsikkitiex (tixxuxxanix) u ma jippuntax subajgh lejha filwaqt li s-Sindku Joe Zammit qal li kellu dritt iwaqqafha minhabba li l-mistoqsijiet taghha ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-agenda.

1.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li r-residenti ghandhom jigu nfurmata ghala din is-sena mhux ser ikun hemm ikel u xorb b'xejn ghar-residenti kif kien isir fis-snin precedenti.

1.45. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.46. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

1.47. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 02. 5 Year cash flow b'konnessjoni mal-Bridge Loan.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghat-talba tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie mitlub jissottometti 5 year cash flow sabiex tkun tista' tigi kkunsidrata t-talba tal-Kunsill ghall-Bridge Loan biex jigu ffinanzjata zewg progetti tal-MEDSTRATEGY u OSDDT, fejn ippropona li l-Kunsill ghandu japprova l-kwotazzjoni ta' l-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante għall-prezz ta' €200.00, riferenza 46/3837/11/I.**(Ara dok C)**

2.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjenew.

2.04. Il-mozzjoni ghaddiet.

2.05. Il-laqgha giet maghluqa fis-6.15pm.

| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |
|---|---|